MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 559/2003

**Amal Aluminium Works Ltd.**

**vs**

**Joe Camilleri f'ismu proprju u ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' Yorkie Furniture**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Marzu 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u erbghin Liri Maltin (Lm240.00), rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta lis-socjeta' attrici mill-konvenut ghal servizzi pprestati u materjal provdut fuq inkarigu tal-konvenut.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 7 ta’ Dicembru 2002, u bl-imghax legali minn meta l-pagamentkellu jsir, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa’ ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ Dr. Chris Cardona in rappresentanza tas-socjeta’ attrici, li kkonferma li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u erbghin Liri Maltin (Lm240.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------